



Dokument ta' sessjoni

B8-0683/2016

30.5.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-responsabilitajiet Ewropej tal-parlamenti nazzjonali

Morten Messerschmidt

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-responsabilitajiet Ewropej tal-parlamenti nazzjonali

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi n-nuqqas ta' skrutinju demokratiku jdgħajjef il-leġittimità u l-fiduċja fil-proġett Ewropew;
- B. billi l-parlamenti nazzjonali huma assemblej b'sovranità sfiha li jistgħu jaġixxu flimkien biex jeżerċitaw, f'isem il-popli differenti tagħhom, grad għoli ta' kontroll fuq l-attivitajiet tal-Unjoni;
- 1. Jitlob l-introduzzjoni, permezz ta' ftehim interistituzzjonali, ta' pilastru interparlamentari biex jorganizza n-netwerk tal-parlamenti nazzjonali, li jippermettilhom li:
 - jiskrutinizzaw is-sussidjarjetà, li minn issa 'l quddiem għandha tinftiehem bħala li tippermetti lill-Unjoni taġixxi taħt żewġ kundizzjonijiet kumulattivi: (1) li l-objettivi tal-azzjoni maħsuba ma jkunux jistgħu jinġiebu fis-seħħ b'mod sodisfaċenti fil-livell nazzjonali; u (2) li l-kontroll demokratiku ma jitnaqqasx minħabba tali azzjoni;
 - jekk ikunu jixtiequ, jintervjenu fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, billi jeżerċitaw dritt ta' veto jew dritt ta' nonparteċipazzjoni;
 - jeżerċitaw monitoraġġ kemm preliminari u kif ukoll ta' segwitu tal-laqgħat kollha tal-Kunsill tal-Ministri fil-livell tal-UE permezz ta' ragruppamenti interparlamentari speċjalizzati tal-membri tagħhom;
 - jieħdu deċiżjonijiet ta' natura Ewropea li jkunu immedjatament applikabbli fl-Istati Membri rispettivi tagħhom;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.